C/2025/5004

16.9.2025

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-12 ta' Settembru 2025

dwar l-għoti ta' struzzjonijiet lill-amministratur ċentrali biex idaħħal bidliet fit-tabelli tal-allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni tal-Istati Membri fir-Reġistru tal-Unjoni biex jitqies l-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli fis-sena 2024

(C/2025/5004)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE ([1]),

Wara li kkunsidrat ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/723 tas-6 ta' Frar 2025 li jissupplimenta d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenzi fil-prezz bejn il-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli u l-kerosin fossili u għall-allokazzjoni tal-kwoti tal-EU ETS għall-użu ta' fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(6) tiegħu,

Billi:

(1) Biex tappoġġa t-tranżizzjoni mill-użu tal-fjuwils fossili u tinċentiva l-azzjoni klimatika fit-trasport kummerċjali bl-ajru, id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]) introduċiet appoġġ addizzjonali bl-Iskema tal-UE għall-Iskambju tal-Kwoti tal-Emissjonijiet (ETS) billi rriżervat massimu ta' 20 miljun kwota li jridu jiġu allokati biex ikopru parti mid-differenza fil-prezz li jifdal bejn il-kerosin fossili u l-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli użati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru kummerċjali mill-1 ta' Jannar 2024 sal-31 ta' Diċembru 2030.

(2) Ir-Regolament Delegat (UE) 2025/723 jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-kalkolu annwali tad-differenza fil-prezz bejn il-fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli u l-kerosin fossili kif ukoll ir-regoli dettaljati għall-allokazzjoni ta' 20 miljun kwota biex l-allokazzjoni tiġi operazzjonalizzata.

(3) F'konformità mal-Artikolu 6(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/723, l-awtoritajiet kompetenti skont id-Direttiva 2003/87/KE ddeterminaw id-domanda għall-kwoti għal kull operatur tal-inġenji tal-ajru kummerċjali li jamministraw, li uża fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli fl-2024 u applika għal dan l-appoġġ addizzjonali tal-ETS.

(4) F'konformità mal-Artikolu 6(4) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/723, il-Belġju, id-Danimarka, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, il-Kroazja, l-Italja, il-Latvja, il-Lussemburgu, l-Ungerija, Malta, in-Netherlands, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja u l-Iżvezja nnotifikaw id-domanda għall-allokazzjoni tal-kwoti lill-Kummissjoni. Il-Bulgarija, iċ-Ċekja, l-Estonja, Ċipru, il-Litwanja, is-Slovenja, is-Slovakkja u l-Iżvizzera ma nnotifikaw l-ebda domanda.

(5) Il-bidliet innotifikati fit-tabelli tal-allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni huma f'konformità mar-Regolament Delegat (UE) 2025/723.

(6) F'konformità mal-Artikolu 6(5) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/723, il-Kummissjoni aggregat id-domanda totali għall-kwoti għas-sena 2024 u ddeterminat li l-kalkolu ta' fattur ta' tnaqqis tal-allokazzjoni mhuwiex meħtieġ.

([1]) ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2003/87/oj.
([2]) ĠU L, 2025/723, 16.4.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/723/oj.
([3]) Id-Direttiva (UE) 2023/958 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li temenda d-Direttiva 2003/87/KE fir-rigward tal-kontribut tal-avjazzjoni għall-mira għat-tnaqqis tal-emissjonijiet għall-ekonomija kollha tal-Unjoni u tal-implimentazzjoni xierqa ta' miżura globali bbażata fuq is-suq (ĠU L 130, 16.5.2023, p. 115, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/958/oj).

(7) Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tar-Regolament Delegat (UE) 2025/723 fl-Istati Membri u fost l-operaturi tal-inġenji tal-ajru kollha fl-ewwel sena tal-applikazzjoni tas-sistema ta' appoġġ tal-ETS għall-ippumpjar ta' fjuwils tal-avjazzjoni eliġibbli, l-Istati Membri jkomplu jirrieżaminaw ir-rapporti annwali dwar l-emissjonijiet u d-domanda relatata għall-kwoti għall-użu tal-fjuwils eliġibbli ppreżentati mill-operaturi tal-inġenji tal-ajru. Il-bidliet fit-tabelli tal-allokazzjoni li jirriżultaw minn tali rieżami se jirrikjedu l-applikazzjoni tal-proċedura ta' korrezzjoni stabbilita fl-Artikolu 7 tar-Regolament Delegat (UE) 2025/723.

(8) Għalhekk jixraq li l-amministratur ċentrali jingħata struzzjonijiet biex idaħħal il-bidliet fl-allokazzjoni tal-kwoti kif innotifikat mill-Istati Membri fir-Reġistru tal-Unjoni,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu uniku

B'dan, l-amminstratur ċentrali tar-Reġistru tal-Unjoni qed jingħata struzzjonijiet biex idaħħal il-bidliet fit-tabelli tal-allokazzjoni nazzjonali tal-Belġju, tad-Danimarka, tal-Ġermanja, tal-Irlanda, tal-Greċja, ta' Spanja, ta' Franza, tal-Kroazja, tal-Italja, tal-Latvja, tal-Lussemburgu, tal-Ungerija, ta' Malta, tan-Netherlands, tal-Awstrija, tal-Polonja, tal-Portugall, tar-Rumanija, tal-Finlandja u tal-Iżvezja għall-2024, kif stabbiliti fl-Anness, fir-Reġistru tal-Unjoni.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Wopke HOEKSTRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

Bidliet fit-tabelli tal-allokazzjonijiet nazzjonali għall-avjazzjoni skont l-Artikolu 3c(6) tad-Direttiva 2003/87/KE għas-sena 2024

Stat Membru: Il-Belġju

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
30011	TUI AIRLINES - JAF	142
27011	ASL AIRLINES BELGIUM	92
	TOTAL	**234**

Stat Membru: Id-Danimarka

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
47549	JETTIME A/S	707
3456	AIR ALSIE	2 967
	TOTAL	**3 674**

Stat Membru: Il-Ġermanja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
1389	TUIFLY GMBH	4 241
36121	EAT LEIPZIG GMBH	10 217
2034	EUROWINGS GMBH	109 830
1776	DEUTSCHE LUFTHANSA AG	19 672
	TOTAL	**143 960**

Stat Membru: L-Irlanda

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
8651	RYANAIR DAC	5 338
132	AER LINGUS	60 126
	TOTAL	**65 464**

Stat Membru: Il-Greċja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
20514	AEGEAN AIRLINES	8 899
	TOTAL	**8 899**

Stat Membru: Spanja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
40052	EVELOP AIRLINES S.L.	36
50192	BRITISH AIRWAYS EUROFLYER	90 767
38329	COMPANIA OPERADORA DE CORTO Y MEDIO RADIO IBERIA EXPRESS S.A.	118 066
7532	JET2.COM LTD	1 783
30190	VUELING AIRLINES	157 478
22380	AIR NOSTRUM	2 693
12669	BA CITYFLYER LTD	36 520
1475	IBERIA	7 201
4402	GESTAIR	526
38266	VOLOTEA S.L.	6 796
	TOTAL	**421 866**

Stat Membru: Franza

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
10054	AIR CORSICA	2 498
227	AIR FRANCE	254 418
308	AIRBUS SAS	511
24094	AIRBUS TRANSPORT	63 011
27518	ASL AIRLINES	491
1147	FEDERAL EXPRESS	1 189
258	ROYAL AIR MAROC	5
32673	TRANSAVIA FRANCE SAS	10 861
	TOTAL	**332 984**

Stat Membru: Il-Kroazja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
12495	CROATIA AIRLINES HRVATSKA ZRAKOPLOVNA TVRTKA D.D.	373
	TOTAL	**373**

Stat Membru: L-Italja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
8487	POSTE AIR CARGO S.R.L.	264
590	BRITISH AIRWAYS PLC	27 381
	TOTAL	**27 645**

Stat Membru: Il-Latvja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
23085	AIR BALTIC CORPORATION	162
	TOTAL	**162**

Stat Membru: Il-Lussemburgu

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
724	CARGOLUX	10 022
26052	GLOBAL JET LUXEMBOURG	359
	TOTAL	**10 381**

Stat Membru: L-Ungerija

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
30078	WIZZ AIR HUNGARY LTD	454
	TOTAL	**454**

Stat Membru: Malta

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
38482	VISTAJET LIMITED	11 439
51006	KM MALTA AIRLINES	296
48419	FLEXJET OPERATIONS MALTA LIMITED	946
	TOTAL	**12 681**

Stat Membru: In-Netherlands

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
1640	KLM	90 443
2723	TRANSAVIA AIRLINES	24 565
30852	TUI NED. ARKEFLY	9 516
	TOTAL	**124 524**

Stat Membru: L-Awstrija

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
440	AUSTRIAN AIRLINES	50 048
	TOTAL	**50 048**

Stat Membru: Il-Polonja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
1763	LOT POLISH AIRLINES	873
	TOTAL	**873**

Stat Membru: Il-Portugall

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
2656	TAP-TRANSPORTES AÉREOS PORTUGUESES, S.A.	1 599
25573	SATA INTERNACIONAL, S.A.	22
	TOTAL	**1 621**

Stat Membru: Ir-Rumanija

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
2658	TAROM	273
	TOTAL	**273**

Stat Membru: Il-Finlandja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
1167	FINNAIR OY	6 810
	TOTAL	**6 810**

Stat Membru: L-Iżvezja

ETSID	ISEM L-OPERATUR	2024
22830	BRAATHENS REGIONAL AIRWAYS AB	1 137
50041	BRAATHENS INTERNATIONAL AIRWAYS AB	303
48827	NORWEGIAN AIR SWEDEN AOC AB	19 339
23235	TUIFLY NORDIC AB	2 972
49462	SAS AB	62 739
	TOTAL	**86 490**